MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Numru 1/2013

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**JOSE EDGAR PENA ta' tlieta u Erbgħin sena, iben Jurge u Marina, imwieled ġewwa l-Kolombja fis-26 ta' Lulju 1969, residenza mhux magħrufa, detentur tal-passaport numru JW 669879 maħruġ mill-Kanada fis-17 ta' Marzu, 2006 u jiskadi fis-17 ta' Marzu, 2011.**

**Sentenza dwar Eċċezzjoni preliminari**

Il-Qorti

Rat l-Att tal-Akkuża Numru 1/2013 li biha l-akkuzat Jose Edgar Pena gie akkuzat talli

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-hdax (11) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006), u

fiz-zmien ta' qabel din id-data, JOSE EDGAR PENA (minn hawn 'il quddiem maghruf bhala "l-akkuzat") iddecieda illi jibda jassocja ruhu ma' nies ohrajn sabiex jibdew imexxu u jittraffikaw id-droga kokajina f'Malta.

L-akkuzat ftiehem ma certu Enrique Martinez Burgoa u ma persuni ohra barra minn Malta u gewwa Malta sabiex imexxu u jitraffikaw id-droga kokajina f'Malta. Fil-fatt l-akkuzat u dawn il-persuni l-ohra, fosthom Enrique Martinez Burgoa, kienu ftehmu u pjanaw il-mezz li bih kellhom jimxu sabiex iwettqu dan il-pjan.

Dan il-pjan mahsub minn qabel, kien jinkludi li Enrique Martinez Burgoa jaqbad ajruplan li jwasslu mill-Messiku ghal Amsterdam fl-Olanda u nhar l-10 ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006) jaqbad it-titjira tal-Airmalta KM 395 minn Amsterdam ghal Malta waqt li jkun qed igorr kwantita kbira ta' droga kokajina ta' 'l fuq minn elf u hames mitt (1,500) gramma li kellha tkun ippakjata gewwa l-bagalja ta' l-istess Burgoa. Din id-droga kellha imbaghad tigi konsenjata lil Jose Edgar Pena u persuni ohra sabiex tigi traffikata.

Illi in ezekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, Enrique Martinez Burgoa qabad ajruplan li wasslu mill-Messiku ghal Amsterdam fl-Olanda u nhar l-10 ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006) qabad it-titjira tal-Airmalta KM 395 minn Amsterdam ghal Malta waqt li kien qed igorr kwantita kbira ta' droga kokajina ta' 'l fuq minn elf u hames mitt (1,500) gramma li kienet ippakjata gewwa l-bagalja ta' l-istess Burgoa. Biss mal-wasla ta' Enrique Martinez Burgoa f'Malta, huwa gie mwaqqaf mill-ufficcjali tad-Dwana gewwa l-Ajruport u dan wara li kellhom suspett li dan kien fil-pussess ta' droga. Wara li saru t-tfittxijiet fil-bagalja tal-istess Burgoa, instabet kwantita ta' droga kokajina ta' 'l fuq minn elf u hames mitt (1,500) gramma. Din id-droga kokajina ghandha valur ta' *circa* mija tlieta u tletin elf, seba' mija sitta u tmenin ewro (€ 133,786) fis-suq miftuh kif stabbilit mill-espert mahtur mill-Qorti.

Illi wara l-arrest gewwa l-ajruport ta' Malta ta' Enrique Martinez Burgoa li kien importa illegalment din id-droga, il-

Pulizija kisbu informazzjoni li Enrique Martinez Burgoa gie Malta mill-Messiku sabiex jikkonsenja illegalment din id-droga kokajina lill Jose Edgar Pena u persuni ohra.

Illi ghalhekk fil-hdax (11) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006), il-Pulizija Maltija waqt il-kors ta' din l-investigazzjoni, iddecidew li jaghmlu operazzjoni sabiex jippruvaw jiskopru minn kien id-destinatarju tad-droga kokajina. Illi dan Enrique Martinez Burgoa iddecieda li jikkolabora mal-Pulizija sabiex taht is-sorveljanza taghhom, icempel lil persuni li lilhom din id-droga kellha tigi konsenjata. Fil-fatt ghal-habta tat-3.30 a.m. il-Pulizija u Burgoa marru flimkien is-Sliema Hotel u Burgoa cempel in-numru tat-telefon tal-persuni li kellhom jigbru d-droga. Wara ftit tal-hin prezentaw ruhhom fil-kamra mikrija lil Burgoa f'din il-lukanda, l-akkuzat Jose Edgar Pena flimkien ma' persuna ohra.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Jose Edgar Pena sar hati talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (kokajina) f'dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew ippromowovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, cirkostanzi, lok u zminijiet aktar 'il fuq imsemmija f'dan l-att t'akkuza, akkuza lill-imsemmi JOSE EDGAR PENA hati talli fil-hdax (11) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006), u fiz-zmien ta' qabel din id-data, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibighu jew jittraffikaw medicina f'dawn il-Gzejjer (kokajina) kontra d-disposizjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw l-assocjazzjoni;

U talab illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatjin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemm akkuzat.

L-akkużat għamel eċċezzjoni waħda li hija s-segwenti:

'Illi għandha tiġi sfilzata kull hearsay evidence kemm mill-atti tal-kumpilazzjoni, kemm mid-dikjarazzjoni ġuramentata ta' Burgoa, kemm mix-xhieda illi ngħatat fl-ewwel ġuri illi kien annullat u naturalment waqt il-proċediment tal-kawża peress illi hearsay evidence mhix ammissibbli la direttament u anqas indirettament.'

Semgħet lill-abbli Difensur u lill-abbli Prosekutur jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom waqt is-seduta tal-11 ta' Frar, 2013.

Il-Qorti awtorizzat liż-żewġ partijiet jippreżentaw noti biex ikun ċar dwar xhiex m'hemmx qbil bejn id-difiża u l-Prosekuzzjoni.

Rat in-Noti li kienu ppreżentati mill-partijiet fil-15 ta' Mejju 2013 (mid-difiża) u fis-17 ta' Mejju 2013 (mill-Prosekuzzjoni) rispettivament.

Fin-Nota tad-Difiża jidher dan li ġej:

'Li permezz tagħha jindika li l-brani li hu qed joġġezzjona għalihom huwa l-istatement ġuramentat u fix-xhieda fil-kumpilazzjoniji u l-ġuri fejn Burgoa jgħid x'qallu 'Victor.'

Il-paġni relevanti huma 88, 89 sa 93 tal-proċess. U l-paġni 402 sa 403 tal-proċess.'

In-Nota tal-Avukat Ġenerali tgħid hekk:

'Illi l-espnonet jirrileva li huwa ma jaqbilx mal-kontenut tan-nota hawn fuq ċitata u dan għaliex ix-xhieda kollha ta' Burgoa hija ammissbbli skont il-liġi u dan għar-raġunijiet imsemmija fis-sottomissjonijiet li l-Avukat Ġnerali għamel fit-trattazzjoni orali quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-11 ta' Frar 2013.'

**Għal dak li huma Fatti**

Il-Qorti qrat il-paġni li indikat id-difiża u minnhom siltet dan li ġej:

A fol 88 sa 93:

'Well it was about a month ago back in Mexico City that I met a girl with the name of Sandra about 40 years, originally from Venezuela. She explained to me how I make extra money by carrying a deal. In fact she mentioned another male person that I should meet by the name of Victor from Venezuela as well. This Victor lived in Mexico City and he is about 50 years old. I met Victor about three or four times before coming over to Malta. He explained that I had to carry drugs to Malta and I will be rewarded with money. Victor gave me cash money for the flight ticket to Malta which consisted in 1,800 US Dollars and in return I was promised to be rewarded with 5000 US Dollars. The rest were to be given in Malta as soon as I carry out the deal. It was on the 9th September 2006 that we met at a mall called the Plaza Universidad at about 10.00 hours that Victor gave me the luggage with the stuff before I left on my trip to Malta. I never saw the drug in

the luggage but I was told tha tit was hidden in this hand luggage. Victor told me that I might be approached in Malta's arrival terminal to hadn the luggage or else I had to take a taxi to Sliema Hotel. Upon arrival I ahd to phone a person..... Before leaving for Malta, Victor gave me a mobile phone to contact ......

The last two numbers should red 60. It was Victor who told me so. It was a trick....

It was Victor who gave me the mobile number of .......in Malta. Victor also told me about the change in the last two digits.

A fol 92, 93, hemm l-istqarrija li għamel Enrique Martinez Burgoa fil-11 ta' Settembru 2006 u li l-kontenut tagħha diġa' deher fit-tliet paragrafi preċedenti.

Enrique Martinez Burgoa xehed fl-14 ta' Mejju 2007 a fol 383.

A fol 402 jidher dan li ġej:

'Kont taf minn fejn hi ġejja l-persuna?

Le ma nafx.

Qorti: Min tah l-instructions li kellu jċempel lil din il-persuna?

Inter: Victor

Qorti: Victor meta tah l-instructions li għandu jċempel, qallu għalfejn għandu jċempel?

Inter: Lil qalli dak li għandi nagħmel. Dak huwa li għandi nagħmel.

Qorti: X'jiġifier? Iċempel biss?

Inter: Kelli ninduna bil-vuċi biex nagħti l-bagalja.

Qorti: Lil min kellu jgħtiha l-bagalja?

Inter: Lil dik il-persuna li jien kellimt ġurnata qabel ma tlaqt mill-Mexico.

Qorti: Sakemm kellmuh tad-dwana f'Malta lilu, hu kien jaf x'kien fiha l-bagalja?

Inter: Ie jiena ma rajt xejn mill-bagalja.

Qorti: Naqblu li kien ser jiteħu somma flus biex iġib il-bagalja Malta?

Inter: Offrewli 5000 dollar meta kont nerġa' nirritorna lura.

Qorti: Talli jkun ġarr il-baglaja imma mhux talli ġie hawn Malta holiday jew jistudja l-Ingliż?

Inter: Suppost jien kelli nieħu kors.

Qorti: U l-5000 dolar ta' xiex kellu jeħodhom? Talli jistudja jew talli jġib il-baglaj?

Inter: Biec inġib il-bagalja.

Qorti: Allura ġo moħħu, allura dan Victor li tah il-bagalja, hux Victor tah il-bnagalja?

Inter: Iva.

Qorti: Allura lil Victor ma stasiehx, isma jiena x'għandi fil-bagalja?

Inter: Hu kull ma qalli li ma hemm xejn ta' periklu.'

Qorti: Allura ma staqsiehx għalfejn ma setx iniżżilha hu l-bagalja? Dan Victor?

Inter: Qal b'ħafna theddid u bdejt nibża' nistaqsi.' (fol 404).

**Għal dik li hija Liġi**

Il-kwistjoni mqajma mid-difiża hija dwar il-hearsay rule li hija regolata bl-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 kif applikabbli għal Kap 9.

Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri joħroġ dan li ġej dwar il-hearsay rule: (Ara Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi tat-28 ta' Ġunju 2012) mill-liema sentenza l-Qorti ser tikkwota in extenso sabiex il-pożizzjoni legali dwar il-hearsay rule toħroġ ċar:

"Punt ta' Liġi – il-Hearsay Rule
"Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

'598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.
(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti,ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.
(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.

'Meta xiehda fuq
kliem ħaddieħor
hija ammessa.
Emendat:
XV. 1913.121.

599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xhieda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jistax jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, taż-żwieġ, talmewt, tal-assenza, ta' servitu', ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'

reputazzjoni jew ta’ fama, ta’ kliem jew fatti ta’ nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu lfalz, u ta’ fatti oħra ta’ interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.’

“Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b’approvazzjoni dwar il-hearsay rule f’kawżi ta’ natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:

‘Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.’

“Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta’ dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu.

“Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista’ jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ ‘Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija’ (13 ta’ Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim’Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.

“Peress li d-depożizzjoni, li tista’ tkun hearsay, tista’ tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

“F’dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubbliika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:
“Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta’ dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma’ provi u ċirkostanza oħra tista’ wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.’ (1 t’April 2011 ‘Il-Pulizija versus Fabio Schembri’ preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

Omissis

18. Izda, fid-dawl tal-fatt li fost il-provi tal-prosekuzzjoni hemm xhieda diretti tal-fatti in kawza allegati (fosthom il-minuri allegatament vittmi tar-reati dedotti fl-att tal-akkuza),din il-Qorti ma ssib xejn x’ticcensura dwar il-mod kif l-ewwel Qorti esprimiet ruhha dwar ir-regola tal-hearsay evidence li giet minnha spjegata tajjeb. Ilu benstabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, li mhux kull relazzjoni ta’ x’qal haddiehor tikkostitwixxi hearsay evidence izda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-uzu li wiehed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jigi prezentat bhala prova tal-kontenut tieghu allura dak ikun hearsay evidence u bhala tali inammissibbli izda jekk dak rakkontat jigi prezentat mhux bhala prova tal-kontenut tieghu izda bhala prova li dak li ntqal verament intqal fic-cirkostanzi ta’ data, post u hin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli ghal certi ghanijiet legali legittimi bhal sabiex tigi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tieghu ikun qieghed jigi rapportat jew, fic-cirkostanzi idoneji, anki sabiex tigi korroborata xiehda diretta ohra. Huma ghal

dawn ir-ragunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta’ xhieda ma tistax tigi eskluża a priori izda d-decizjoni dwar l-opportunita` o meno li tithalla tinghata dik ix-xiehda u titqieghed quddiem il-gurija trid necessarjament tigi rimessa lill-Imhallef togat li jippresjedi l-guri li jkun tenut jaghti d-decizjoni tieghu skont ic-cirkostanzi li fihom jizvolgi l-guri u skont l-esigenzi evidenzjarji u procedurali tal-process.

19. Hekk, jekk tigi messa in dubbju l-kredibilita` jew il-veridicita`ta’ xhud, specjalment jekk dak ix-xhud ikun persuna minuri, il-prosekuzzjoni ma tistax legalment tigi mcahhda mill-possibilita` li tikkorrobora dik ix-xiehda bil-mezzi li tagħtiha l-liġi, inkluż it-tip ta’ xhieda li ssemmiet hawn. Daqstant ukoll jekk tinqala’ xi kwistjoni dwar jekk ix-xhud ikunx qiegħed jiftakar sew dak li jkun qieghed jixhed dwaru jista’ jkun mehtieg li jigi ezercitat kontroll ta’ dik ix-xiehda bil-mezz tax-xiehda ta’ haddiehor dwar dak li jkun qallu l-istess xhud fiz-zmien relevanti. F’dawn l-eventwalitajiet,
kif inghad mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ikun mistenni li l-ewwel Qorti tispjega lill-gurija il-portata u l-limiti tal-valur tax-xiehda ta’ persuna li tixhed dwar x’qal haddiehor. Naturalment, hu ugwalment mistenni li l-ewwel Qorti ma tammettix ix-xiehda fuq kliem haddiehor jekk mhux unikament ghall-ghanijiet u fil-limiti permessi mil-ligi kif gia` spjegat. Mill-mod kif ippronunzjat ruhha l-ewwel Qorti dwar dawn l-eccezzjonijiet din il-Qorti ma ghandhiex raguni tahseb li l-ewwel Qorti ma hix ser tikkonforma ruhha ma dak li hi stess stabbiliet li hi l-pożizzjoni legalment korretta dwar xiehda ta’ kliem haddiehor’ liema pozizzjoni qed tigi wkoll konfermata f’din is-sentenza.

20. Mill-mod kif gie spjegat l-aggravju tal-akkuzat appellant f’dan ir-rigward jidher li l-akkuzat hu konsapevoli tal-pozizzjoni legali dwar il-hearsay kif spjegata kostantement mill-Qrati taghna u li din hi fis-sens kif
spjegat mill-ewwel Qorti iżda dak li jidher qiegħed iħasseb lill-akkużat appellant hu l-abbuz li jista’ jsir mir-regola msemmija dwar il-hearsay peress li dak li jkun qal ħaddiehor jista’ jiġi malizzjożament użat sabiex minflok biex jikkontrolla dak li jkun xehed ħaddieħor jew sabiex

jikkorrobora provi diretti oħra jintuża sabiex effettivament jissostitwixxi dik ix-xhieda ta' ħaddiehor jew dawk il-provi diretti l-ohra.

21. Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imhallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuz ma jsirx. L-abbuż hu possibbli ghar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minhabba tali possibilita` ta' abbuz dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-ligi u cioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-guri ma jhallix l-abbuz jigri suggett dejjem ghas-salvagward ahhari tad-dritt tal-appell tal-akkuzat fl-eventwalita` li l-Imhallef jonqos milli jezercita sew is-setghat tiegħu skont il-liġi.'

**<u>Applikazzjoni tad-dottrina għall-fatti ta' llum</u>**

Mis-siltiet li indikat id-difiża jirriżulta li Burgoa irrefera għal Victor li fil-paġni bejn 88 sa 93 semma lill-akkużat indirettament għaliex effettivament semmieh b'isem ieħor.

Fil-paġni bejn l-402 u l-403, ir-referenza magħmula minn Burgoa hija limitata għal dak li għadda bejnu u bejn Victor mingħajr ma jissemma l-akkużat. Għaldaqstant f'dawn il-paġni lanqas biss tqum il-kwistjoni tal-hearsay rule.

Għal dak li jidher fil-paġni 88 sa 93, dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fis-sentenza li saret referenza għaliha għandu japplika għall-fatti odjerni. Fi ftit kliem din il-Qorti m'hi ser tordna ebda sfilz ta' dawn il-paġni jew ta' din ix-xhieda iżda matul il-guri tagħti dawk id-direzzjonijiet li jkun hemm bżonn kif indikat mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri kemm fil-parti fejn ikkwotat is-sentenza tal-Qorti Kriminali kif ukoll f'dik il-parti fejn ikkonfermat il-pożizzjoni addottata mill-Qorti Kriminali u saħħitha b'aktar argumenti.

Konklużjoni

Għalhekk il-Qorti mhix qed tilqa’ l-eċċezzjoni preliminari tal-akkużat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------